MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 248/2008

**Gasan Mamo Insurance Limited (C-3143) kif surrugata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Hong Gang Miao skond il-ligi u l-polza ta’ l-assikurazzjoni (Claim N 064053)**

**Vs**

**Paul Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta’ Marzu 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn mija u disa` u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€2159.10) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-5 ta’ Mejju 2008, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn, mija u disa` u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€2159.10), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kif mitluba u dawk ta’ dina l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------